MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Numru. 476/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Raymond Cauchi bin Emanuel u Carmen nee' Said, imwieled fil-5 ta' April, 1959 u residenti Bald Eagle, Triq Cetta Mintoff, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 20659(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Raymond Cauchi li gie akkuzat talli nhar id-29.04.2007 ghal habta tal-11:00pm fi Triq Ras il-Bajjada, Munxar, Ghawdex garr arma tan-nar tal-ghamla Benelli Super Black Eagle u munizzjon f'vettura numru EBF 173 minghajr licenzja tal-Awtorita' kompetenti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Artikolu 5 (1a) u 51 (2) proviso tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi l-imputat ghandu licenzja ghall-garr tal- arma tan-nar in kwistjoni biss ghall-skopijiet ta' kacca. Illi mill-provi anke dawk migjuba mid-difiza rrizulta illi l-imputat ma kienx sejjer ghall-kacca izda hareg bil-van tieghu u bi svista nesa l-arma fuq is-seat tal-karozza;

Ghaldaqstant il-Qorti thoss illi dan il-ksur huwa wiehed minuri hafna u ghalhekk filwaqt illi ssib lill-imputat hati tal-akkuza, tikkundannah multa ta' seba' mija u hamsin ewro (€750) u tordna l-konfiska tad-dokumenti 'JA 1' u 'JA 2'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------